# FUQ IX-XMARA MERSEY, MANCHESTER

*Ta'* Wallace Ph. Gulia

Minn ħdejn ix-xmara Mersey
ghaddejt fil-qieraħ ta' Diċembru mterter.
Jinżel iċ-ċpar u jerfa' fuq ix-xmara Mersey
maħmuġa
bin-nugrufun. Tħaxwex max-xtajta n-nixxiegħa
ta' l-ilma ħaj,
u jgedwed u jgerger
il-weraq niexef mibrum mal-mogħdija
taħt is-siġar għeriewen
fil-beraħ griż, jitniehdu
bil-bard u r-reżħa u jixhru f'kull żegħila tar-riħ.
Qalbi ħabbritni dak il-ħin bil-kruha
u l-waħx ta' ma nafx mn'hiex.
Il-kesħa ta' l-ajru
ħassejtha l-kesħa tal-għadam mherri ġot-tebut
u mxejt bil-ħsieb tal-mewt ihewden f'rasi
waħdi, għal għonq it-triq.

Kien iktar bard.
Iċ-ċfales u t-tjun ta' l-art kienu mibdula
fis-silġ
li jqarmeċ taħt riġlejk
ċar bħall-kristall, nadif bħal vetrati
maħsula frisk.
La weraq fis-siġar, la weraq ma' l-art;
la riħ, la ħoss, lanqas ċpar jew irxiex.
Imleflef u mkebbeb
sa widnejja fil-coat — minn ġewwa sħun,
minn barra qisu l-qoxra ta' l-azzar
f'nofs il-lejl ta'Frar —
għaddejt fil-ħemda ta' madwari kiefra,
fit-tanbir ta' ħsiebi jtarrax
bħal tanbir it-tanbur fin-nofs dawl,
tal-qamar f'lejl ta' kwiekeb :
iżjed, ma jaqta' xejn, iżjed, iżjed.
minn taħt dell is-siġar

fejn igħammru s-suwed,
minn fuq tiċrit il-fidda
fil-wiċċ ħiemed tal-għadajjar
fejn hemm il-kukkudrill,
minn fuq ras l-għolja tgħum fid-dawl tal-qamar:
"Jien u int? Jew il-komunità
ikbar mill-jien u int? fejn jien u int
isibu t-temma tagħhom —
bħal ħolqa
li ma tfissirx għajr fost il-ħoloq t'arloġġ
li flimkien iqisu l-ħin tul lejl u nhar?
T'issa biss u l-art? Jew t'issa
u l-art bħal mewġa
fil-milja għaddejja mqit ta' l-Univers?"
Fil-wiċċ tax-xmara nieżla dak il-ħin
ħafif kien qiegħed igħum is-silġ magħqud
abjad, nadif, tiela' minn fost il-ħmieġ
ta' l-ilma mdardar sħiħ bin-nugrufun
u t-tajn. Hekk il-moħħ tiela'
minn fost il-qżież u t-toqol tal-materja —
indafa fil-ħmieġ —
astratt fil-konkret —
bla tarf fit-tarf —
għanjiet l-għanjiet tisboq il-qżież tad-demm
marid; imsiemer, ħakk
u ħsibijiet il-ġenna,
kankru, ħallata ballata ġo xulxin
magħqudin,
flimkien magħġunin?
Imxejt u ġrejt,
u ġrejt u għajejt,
bħal min minnu nnifsu jrid jaħrab bogħod
waħdi
minn fuq ix-xtut tax-xmara għaddejt.

Żmien ir-rebbiegħa;
ħarġet ix-xemx u sebbħet u tat il-ħajja,
ħeġġet u qanqlet kollox.
Stenbħu l-ilwien minn xfar il-kjaroskur:
id-deheb u l-isfar
tħalltu mal-ħdura mielsa tal-ħaxix;

ma' l-ikħal safi ċar ta' l-ajru fietel;
mar-reżħa tas-smewwiet fil-bogħod u x-xefaq;
mal-mera ta' l-ilmiet jibbru u jleqqu.
Għannew l-għasafar;
ţar il-gawwi;
warrad il-fjur ma' kullimkien imxeblek;
tgħabbew is-siġar twal bil-weraq tqil.
Imbagħad mal-plajja
tnejn tnejn għaddew iż-żgħażagħ
sbieħ, f'saħħithom —
minsija d-dinja u t-tweġħir; l-uġigħ
tal-bieraħ; l-uġigħ ikbar ta' għada;
tanbir it-tanbur tal-moħħ dejjem iberren —
tnejn tnejn għaddew:
fis-skiet u l-ħemda
ta' min intebaħ li l-kliem xkiel u rażan,
l-eternità mitlufa
ta' waqt għaddieni......
Imxejt u mxejt
f'dil-ġenna fl-art;
waħdi
minn fuq ix-xtut tax-xmara sbejħa għaddejt.